MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Numru. 387/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**CARISSA CILIA LA CORTE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Carissa Cilia La Corte, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 468190M.

**Akkuzata talli:**

Ghal habta ta` xi tlieta u kwart ta` filghodu (03:15hrs) ta` nhar is-sitta (6) ta` Frar, 2011, gewwa f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta` haddiehor f'periklu car permezz ta` xi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Cassandra Falzon, jew gabiltilha disordni f'mohhha u li liema hsara setghet iggib periklu ta` debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta` xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfreggju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz u dan skont ma ccertifika Dr. Raymond Grixti, MD (Reg. No. 2405) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju u glied.

F'kaz ta` htija l-Qorti giet gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Cassandra Falzon u tapplika l-provvedimenti ta` Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 64, 214, 216, 338 (dd), 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Dina l-Qorti qed issib lill-imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mill-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------